MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

16 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tal-Perit Giorgio Schembri li sal-bidu tal-laqgħa kien għadu ma daħalx.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kelliex ittir t'apoloġiji.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

Is-Sur Giorgio Schembri daħal f'dan il-mument 5.37pm

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

40.3.1 ***Kompetizzjoni l-Isbaħ Kartolina tal-Milied***

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li ħa ssir il-preżentazzjoni tal-premjijiet iċ-Ċentru Parrokkjali u li jekk iridu jistgħu jattendu. Din mhux ħa tieħu iktar minn 20 minuta.

40.3.2 *Info Centre*

Is-Sur Cordina qal li beda x-xogħol ta' tħammil ta' trinek u wera xi ritratti dwar il-progress fuq dan il-proġett. Hu qal li l-*area* fejn kien hemm l-apparat tat-tfal inqalgħet kollha u minflokha ħa jsir it-tħaffir għar-*reservoir.* Il-parti l-oħra fejn hemm il-pedament beda jinqala' wkoll. Hemm xi ħajt li nkixef minħabba li nqalgħet il-*creeper* ġie perikoluż minħabba li din daħlet ġol-ħajt u rriżulta li issa hu perikolanti. Kien għalhekk li l-Perita marret *on site* u ssuġġeriet li jinġabu kwotazzjonijiet ulterjuri biex il-kuntrattur Proman ma jitlaqx minn idejħ, la dan ma kienx inkluż fit-tender u jispiċċa fid-*deadline* imposta.

Is-Sur Remigio Bartolo saqsa x'*target date* hemm.Is-Sindku qal xi 40 ġimgħa u jkunu lest kollu. Is-Sur Victor Galea saqsa fuq il-pave li qed jinqala' u x'se jiġri minnu. Is-Sur Cordina qal li dan qed jiġi stivat bħal ma ġie stivat biex jerġa' jiġi utiliżżat l-apparat kollu tat-tfal.

40.3.3 ***CIES – Community Inclusive Employment Scheme***

Is-Sur Cordina qal li l-Direttorat tal-SPI ħarġu skema SPI/SCI/2/2022 li fiha qed jinkoraġġixxu l-impieġ ta' persuni li huma qegħda mal-Kunsilli Lokali biex jgħinu fl-amministrazzjoni. Hu qal li din l-iskema hija miftuħa għall-ħaddiema fuq ġewwa u fuq barra u għalekmm fil-bidu ma kienx hemm il-ħsieb li dan il-ħaddiem jinġab imma minħabba li ħaddiem tal-RSSL spiċċa l-isptar u mhux qiegħed daqstant tajjeb inħasset il-ħtieġa li jinġab ieħor. Kompla jgħid li l-Kunsill mhu ħa jeħel xejn ħlief il-*Performance Bonus* tal-istess ħaddiem.

Is-Sur Cordina talab il-*feedback* tal-Kunsilliera. L-Avukat Brincat li l-għażla għandha tkun prerogattiva tal-Kunsill u li għalkemm il-fondi jkunu ġejjin mill-Gvern Ċentrali ma jkunx hemm obbligu ta' mpieg u li fi kwalunkwe punt jista' jiġi terminat, anke qabel. Is-Sur Cordina qal li xi forma ta' regolamenti hemm imma sta għall-Kunsill jekk ikomplix jew le. L-Avukat Caruana qalet li trid tara x'kuntratt jingħata f'każ li dan ikun inkompetenti eżempju. Qalet li hemm ċertu kuntratti li jekk jiġi terminati qabel iż-żmien ikunu jridu jiġu rifużi l-kumplament taż-żmien li jkun fadal sat-terminazzjoni. L-Avukat Brincat qal li trid tara l-kundizzjonijiet. Għalhekk ġie ssuġġerit li tintbagħat kopja tal-kuntratt biex iduruh l-Avukati. Is-Sur Galea saqsa wkoll xi kwalifiki se jintalbu. Is-Sur Cordina qal li l-lista tintbagħat minn Jobsplus u jsiru *interviews* mill-Kunsill.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

40.4.1 ***Helen Caruana***.

L-Avukat Caruana qalet li ġiet avviċinata minn *cricket team* sabiex dan jiġi affiljat mal-Kunsill. Saqsiet jekk tintbagħat *introductory letter.* Qalet li mhux sa jkun hemm affarijiet kbar, forsi jkun hemm xi premjazzjoni u l-Kunsill ikun preżenti. Din it-talba ġiet milqugħa u għandha tintbagħat ittra fuq attard.lc@gov.mt.

40.4.2 ***Silvio Brincat***

L-Avukat Brincat qal li saru xi xogħolijiet fi Triq il-Linja. Hu saqsa dawn x'inhuma? Is-Sur Cordina qal li dawn jaħseb li jistgħu ikunu Go plc, Melita jew Epic. Hu qal li dawn ix-xogħolijiet normalment isiru bil-permess imma mhux dejjem ikunu nfurmati meta.

40.4.3 ***Remigio Bartolo***

Is-Sur Bartolo qal li fuq il-kompetizzjoni tat-trofew ġdid għal Ġieħ Ħ'Attard kien hemm 53 sottomissjoni u ħafna minnhom kienu tajbin ħafna. Dawn ingħaddew lis-Sur Paul Haber għal *feedback* tiegħu u kien impressjonat ħafna. Hu ssuġġerixxa li kull student jingħata ċertifikat u memento.

## 40.5 Rapporti

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku jinfurma l-Kunsill li l-Gimgħa d-dieħla, 23 ta' Frar se jiġu mitluba jattendu laqgħa oħra xi 5-10 minuti kollox biex jiġu preżentati u approvati l-Estimi Finanzjarji mhux awditjati. Minħabba li d-deadline biex jintbagħtu l-NAO u d-Dipartiment hi l-25 ta' Frar u l-*Accountant* ittardja se jkollha ssir laqgħa oħra apposta.

## 40.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

40.6.1 ***SPI/SCI/2/2022***

### Skema għall-Impieg Inklussiv fil-Komunità

Is-Sur Cordina qara r-Riżolużżjoni dwar l-iskema tas-CIES li tgħid hekk:

*Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal ħaddiem klerikali fuq bażi full-time kif ukoll għal ħaddiem manwali fuq bażi part-time permezz tal-iskema tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES).*

*Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali kif ukoll f'każ li jkun hemm bżonn li jinħadmu siegħat żejda oltre minn dawk li ser ikun hemm stabbiliti fil-kuntratt.*

Din ir-Riżoluzzjoni ġiet approvata.

40.6.2 *Ambjent Malta – Urban Greening Project*

Proġett ta' Tisbieħ ta' Ġnien il-Palma

Is-Sur Cordina qara r-Riżolużżjoni dwar l-iskema tal-Urban Greening Project li tgħid hekk:
*Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sa massimu ta' €300,000 taħt l-iskema Urban Greening for Local Councils 2022 sabiex jiġi mplimentat il-proġett ta' tisbieħ fi Ġnien il-Palma.*

Is-Sur Galea saqsa jekk il-proġett jistax jinqasam fi tnejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan hu proġett wieħed u li għalih hemm diġà permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Hu qal li fuq dan il-punt ta' żvilupp xtaq jgħid li, minħabba li d-dekasteru tiegħu u ta' Connie hu l-isport, hemm żona miftuħa ħdejn il-flets tal-Gvern li jixtieq li jsir *open gym*. Is-Sur Cordina qal li f'din iż-żona, Tal-Fuklar, hemm proġett in the *pipeline*, ma jista' jiżvela xejn għalissa imma il-persuna li ħa tikkommissjona x-xogħol talbet lill-perit tal-Kunsill jipprepara disinn u fil-fatt fiċ-cedola hemm il-kont tal-Perit imma x'ħin ikun il-waqt se jgħaddilhom l-informazzjoni kollha.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan il-fond hux se jingħata lill-Kunsill wieħed jew le. Is-Sur Cordina qal li hemm fond ta' € 700,000 imma mhux ċert kemm ħa jkun hemm applikazzjonijiet. Li qal żgur li dan hu proġett ambizzjuż fejn se jkun hemm bankijiet, *reading area*, l-art bil-*geotextile*, *solar panels*, mhux se jintmissu siġar imma se jsir *green wall* u bankijiet *recycled* bħal ta' Triq il-Katlan li huma low *maintenance*.

Is-Sur Alex Mangion issuġġerixxa li ma kull bank jekk jista' jkun ikun hemm *charging point* tal-mobile. Is-Sur Cordina qal li fil-fatt dawn ma kienux saru għax min ħareġ bl-ideja fallietlu l-kumpanija imma iva jekk ikunu jistgħu isiru jsiru. Fil-fatt hemm problema bil-pannelli taż-*zebra crossings* u sakemm jistab kuntrattur ieħor qed ikunu mitfijin.

Is-Sur Giorgio Schembri saqsa jekk dan ittelliefx mill-fondi tal-PDF. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-proġett kien tpoġġa fuq l-ixkaffa imma diġà hemm fondi taħt il-PDF li huma allokati għall-Uffiċċini u l-Info Centre. Is-Sur Cordina qal li jekk dan jiġi *fully funded* il-fondi jiġu utilizzati għall-proġetti oħra.

Din ir-Riżoluzzjoni ġiet approvata.

## 40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

40.7.1 Is-Sur Galea talab biex jibda jitħallas bid-*direct debit* flok ċekk. Din it-talba ġiet innutata. Il-pagamenti ġew approvati.

## 40.8 Mozzjonijiet; u

40.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 40.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.17pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Frar u s-16 ta' Marzu 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv